# L-għajnuna soċjali għall-qgħad

ĦMISTAX ilu bdejt nitkellem dwar il-benefiċċji non-kontributorji, jiġifieri dawk il-benefiċċji, għajnuniet u assistenzi li d-dritt għalihom mhuwiex marbut mal-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali. Dakinhar tkellimt dwar l-għajnuna soċjali, li ħafna llum għadhom jirreferu għaliha bħala r-'relief'.

Illum se nkompli nitkellem dwar l-għajnuna soċjali. Din id-darba iżda se niffoka fuq l-għajnuna soċjali li titħallas lil min ikun tajjeb għax-xogħol iżda jkun qiegħed.

## X'inhi l-għajnuna soċjali għall-qgħad?

L-għajnuna soċjali għal qgħad hija assistenza fi flus li tingħata lill-kap ta' familja (bl-Ingliż 'head of household') jew xi ħadd li jgħix għal rasu li hu tajjeb għax-xogħol u li jkun qed jirreġistra għax-xogħol taħt l-ewwel parti tar-reġistru tal-qgħad miżmum mill-ETC.

Kważi dak kollu li semmejt ġimagħtejn ilu japplika wkoll għall-għajnuna soċjali għal qgħad. Din l-għajnuna tingħata b'mod speċjali lil ċittadini u residenti Maltin u Għawdxin. Madankollu f'ċerti każi din l-għajnuna tista' tingħata wkoll lil ċittadini mhux Maltin jekk ikunu residenti legalment f'Malta u jissodisfaw ċerti kriterji.

Mhux il-kapijiet ta' familja kollha jew dawk kollha li jgħixu għal rashom li jirreġistraw għax-xogħol taħt l-ewwel parti tar-reġistru tal-qgħad jistgħu jibbenefikaw minn din l-għajnuna. Infakkar li d-dritt għal din l-għajnuna soċjali jiġi ddeterminat skont test tal-mezzi.

## X'inhu t-test tal-mezzi?

Kif kelli l-okkażjoni li nispjega 15 ilu, dan it-test jikkonsisti f'kalkolu tal-mezzi ta' persuna li tapplika għal xi għajnuna jew assistenza li d-dritt għaliha jirriżulta jekk il-mezzi tal-applikant u tal-familja tiegħu ma jkunux jaqbżu l-ammonti stabbiliti bil-liġi. Anke fil-każ tal-għajnuna soċjali, dan it-test huwa maqsum fi tnejn:

– l-ewwel isir kalkolu tal-assi kapitali tal-persuna u (jekk applikabbli) tal-membri tal-familja tagħha – biex tkun intitolata għall-għajnuna soċjali dawn ma jridux ikunu aktar minn €23,000 (miżżewġin) jew €14,000 (persuna waħedha).

Dawn jinkludu fost oħrajn (a) flus kontanti jew depożitati f'kontijiet bankarji (inkluż assi likwidi, bonds, stocks, ishma u titli oħrajn) tal-persuna u l-membri tal-familja skont il-każ, (b) propjetà oħra minbarra dik residenzjali tal-persuna, (iii) artijiet għall-bini, raba f jew art imqabla mill-Gvern, u (iv) t-tieni karozza jew aktar;

– jekk il-persuna tissodisfa l-ewwel parti tat-test, imbagħad isir kalkolu tad-dħul tal-persuna u (jekk applikabbli) tal-membri tal-familja tagħha u dan jiddetermina, flimkien man-numru ta' persuni li jgħixu f'dik il-familja u d-dħul tagħhom, ir-rata finali li titħallas – id-dħul tal-familja ma jistax ikun aktar mir-rata applikabbli ta' għajnuna soċjali mħallsa.

Dawn jinkludu fost oħrajn dħul minn imgħaxijiet jew dividendi, kirjiet, dħul minn bejgħ ta' proprjetà jew oġġetti oħrajn, dħul minn art imqabla mill-Gvern, dħul minn bejgħ ta' prodotti agrikoli manteniment riċevut mill-persuna mħallas lilha jew lit-tfal tagħha mill-konjugi.

## Kif issir l-evalwazzjoni tad-dritt?

L-istess bħalma jsir fil-każ tal-għajnuna soċjali, meta persuna tapplika għall-għajnuna soċjali għal qgħad issir investigazzjoni u evalwazzjoni bir-reqqa tal-assi kapitali u d-dħul tal-persuna skont il-kriterji msemmijin fuq. Meta l-persuna tapplika għall-għajnuna soċjali huwa importanti ħafna li tagħmel dikjarazzjoni korretta tal-assi u d-dħul kollu tagħha u tal-familja tagħha. Wara li ssir l-applikazzjoni, ħafna drabi l-applikant jintalab li jagħti aktar informazzjoni dwar il-każ partikolari tiegħu u/jew jipprovdi dokumenti biex jissostanzja d-dikjarazzjoni tiegħu u jkun żgurat li t-talba hija waħda ġenwina.

Infakkar li d-Dipartiment għandu l-poter li tagħtih il-liġi li jinvestiga dan kollu billi jikseb informazzjoni minn sorsi oħrajn biex jiżgura li d-dikjarazzjoni mogħtija tkun korretta. Għalhekk huwa fl-interess tal-applikant li jagħmel dikjarazzjoni korretta għax jekk jirriżulta li tkun qiegħda titħallas għajnuna mhux bi dritt, jista' jkun hemm konsegwenzi serji fosthom li jintalbu l-flus lura u li jittieħdu passi legali bil-Qorti.

## Benefiċċju speċjali għal diżimpjieg

Għal min jiftakar, fl-artiklu tiegħi f' **l-orizzont** tad-19 ta' Ottubru, 2010, kont għedt li persuna assigurata li hija kap ta' familja jew tgħix għal rasha li tikkwalifika għal benefiċċju għal diżimpjieg (skont test kontributorju) tista' tikkwalifika wkoll għal benefiċċju speċjali għal diżimpjieg kemm il-darba il-persuna tagħmel talba għall-għajnuna soċjali għal qgħad fl-eqreb uffiċċju distrettwali tas-sigurtà soċjali.

Biex persuna bħal din tikkwalifika għall-benefiċċju speċjali għal diżimpjieg, minbarra t-test kontributorju, il-persuna trid tissodisfa wkoll it-test tal-mezzi msemmi fuq u allura trid tikkwalifika għall-għajnuna soċjali għal qgħad. Li huwa interessanti hawnhekk huwa l-fatt li dan huwa każ ta f'dritt imħallat (mixed entitlement) għall-benefiċċji kontributorji (benefiċċju speċjali għal diżimpjieg) u benefiċċji non-kontributorji (għajnuna soċjali għal qgħad) għall-istess kontinġenza u għall-istess perjodu.

Jekk il-persuna tikkwalifika għall-għajnuna soċjali għal qgħad, hija mbagħad tirċievi l-benefiċċju speċjali għad-diżimpjieg. Tista' wkoll tkun intitolata għal differenza fl-għajnuna soċjali għal qgħad jekk ir-rata applikabbli skont in-numru ta' membri fil-familja tkun ogħla mir-rata tal-benefiċċju speċjali għal diżimpjieg.

Minħabba li l-benefiċċju speċjali għal diżimpjieg huwa għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, malli jintemm id-dritt għall-ħlas ta' dan il-benefiċċju, il-benefiċjarju jibda minflok jitħallas l-għajnuna soċjali għal qgħad bir-rata sħiħa applikabbli fil-każ tiegħu. Dan kemm il-darba jkun għadu jirreġistra taħt l-ewwel parti tar-reġistru tal-qgħad.

## Kif issir it-talba?

Biex wieħed japplika għall-għajnuna soċjali għal qgħad, wara li jkun mar jirreġistra għax-xogħol l-ewwel darba l-ETC, irid imur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali f'Malta u Għawdex u jagħmel talba bil-ġurament għand il-Maniġer Distrettwali jew persuna ddelegata b'din il-kariga. Normalment mal-applikazzjoni tintalab l-informazzjoni u d-doku-




## Kont taf li...

- **Jekk inti xebba, ġuvni, armel jew armla u waħdek tieħu ħsieb kostanti ta' xi qarib tiegħek jista' jkollok dritt għall-għajnuna soċjali għal 'carer'. Inti tista' tapplika għal għajnuna fl-eqreb uffiċċju distrettwali;**

- **Biex inti tikkwalifika għal din l-għajnuna m'hemmx bżonn tkun kap ta' familja, iżda trid tissodisfa t-test tal-mezzi msemmi fuq (kapital u dħul). Barra minn hekk il-bord mediku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jrid jiċċertifika lill-persuna li tkun qed tieħu ħsieb li l-kundizzjoni medika tagħha tirrikjedi l-kura kostanti tiegħek;**

- **Ir-rata massima li tista' titħallas fl-2010 lil persuna li tikkwalifika hija ta' €68.66ċ fil-ġimgħa. Minn din ir-rata mbagħad jitnaqqas id-dħul li l-applikant jkollu skont it-test tal-mezzi tiegħu. Għal aktar tagħrif dwar din l-għajnuna, inti mitlub tirrikorri fl-eqreb uffiċċju distrettwali tas-sigurtà soċjali.**

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,
A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* ***ittri@unionprint.com.mt****. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika m'hijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

menti li ġejjin:

– kartà tal-identità tal-applikant u l-membri tal-familja tiegħu (skont il-każ);

– 'pay slips' ta' tfal jgħixu fl-istess dar li jkunu jaħdmu

– ktieb tal-kera;

– kotba tal-bank tal-applikant u l-membri tal-familja tiegħu (skont il-każ);

– stima uffiċjali tal-valur ta' proprjetà (li mhix id-dar residenzjali, villaġġjatura jew garaxx għall-użu personali);

– stima uffiċjali tal-valur ta' kull karozza li l-applikant ikollu (barra tiegħu u tal-konjugi jekk il-każ);

– id-dokument ta' reġistrazzjoni tal-bdiewa (jekk il-każ);

– f'każ ta' separazzjoni, dokumenti legali li juru fiex wasal il-każ fil-qrati.

F'każi ta' separazzjoni huwa importanti li l-persuna li tapplika għall-għajnuna soċjali għal qgħad tfittex lill-konjugi għall-manteniment għaliha u/jew għat-tfal tagħha bil-Qorti. Għal dan il-għan ikunu jridu jiġu sottomessi dokumenti legali li juru li dan qed isir. Mingħajr dawn il-passi u dokumenti, l-applikazzjoni għall-għajnuna soċjali għal qgħad ma tkunx tista' timxi 'l quddiem.

## Il-ħlas tal-għajnuna u r-rati tal-ħlas

L-għajnuna soċjali għal qgħad titħallas kull ġimgħa permezz ta' ċekk li jissarraf fil-banek kollha f'Malta u Għawdex. Iżda huwa importanti li ngħid li l-ħlas ta' din l-għajnuna jieqaf immedjatament jekk il-benefiċjarju għal xi raġuni jew oħra jieqaf mir-reġistrazzjoni għax-xogħol.

Ir-rata bażika ta' għajnuna soċjali għal qgħad li qiegħda titħallas fl-2010 hija identika għal dik tal-għajnuna soċjali, jiġifieri €91.55 fil-ġimgħa għall-kap tal-familja u €8.15 oħra fil-ġimgħa għal kull persuna oħra fil-familja li ma jaħdmux. Minn din ir-rata bażika mbagħad jitnaqqas id-dħul fil-ġimgħa li l-familja jkollha u li jkun ġie stabbilit skont it-test tal-mezzi msemmi fuq. Mar-rata applikabbli jitħallsu wkoll bonus addizzjonali ta €3.12 fil-ġimgħa waqt li jitħallas ukoll il-bonus ta f Ġunju u Diċembru (€135.10 kull sitt xhur).